MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 670/2012

**Abd Uarahman Alghaze u martu Yovancha Cilia f'isimhom proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-minuri Khalil Alghaze Cilia**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

1. Illi Abd Uarahman Alghaze żżewweġ ġewwa art twelidu Damascus, is-Sirja lil Yovancha Cilia Alghaze nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) kif jidher mill-estratt veru mill-Att taż-Żwieġ tagħhom miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku li jġib in-numru elfejn mitejn erbgħa u ħamsin tas-sena elfejn u

sebgħa (2254/2007) hawn anness u mmarkat bħala Dok ‘KAC1’;

2. Illi minn dan iż-żwieġ huma kellhom żewġt itfal, tifel bl-isem ta’ Khalil Alghaze Cilia li twieled fit-tnax (12) ta’ Marzu tas-sena elfejn u disgħa (2009) kif jidher mill-estratt veru mill-Att tat-Twelid miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku li jġib in-numru elf erbgħa u sittin tas-sena elfejn u disgħa (1064/2009) hawn anness u mmarkat bħala Dok ‘KAC2’, kif ukoll tifla Nawal Alghaze li twieldet fil-ħamsa ta’ Ottubru tas-sena elfejn u għaxra (2010) kif jidher mill-estratt veru mill-Att tat-Twelid miżmum fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku li jġib in-numru tlett elef mitejn sebgħa u għoxrin tas-sena elfejn u għaxra (3227/2010) hawn anness u mmarkat bħala Dok ‘KAC3’.

3. Illi l-esponenti ferm qabel ma twieled il-minuri Khalil, kienu qablu ’lli huwa kellu jġorr biss kunjom missieru u jiġi reġistrat fl-Att ta’ Twelid fil-kolonna taħt l-Intestatura *“Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa u l-kunjom”* bħala “Khalil Alghaze”.

4. Illi in ottemporanza mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 292A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-esponent Abd Uarahman Alghaze ta l-avviż tat-twelid ta’ ibnu Khalil Alghaze lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jew impjegati tiegħu, kif ukoll ikkonsenja lill-istess id-dikjarazzjoni li fiha kien hemm indikat il-kunjom li l-minuri kien ser jagħmel użu minnu;

5. Illi in vista tal-fatt li l-esponenti Abd Urahman Alghaze huwa ta’ nazzjonalita’ Sirjana, aktar minn tlett snin (3) ilu, mat-twelid ta’ ibnu Khalil huwa kien għadu mhux kunfidenti fil-lingwa Maltija jew Ingliża u bi żvista ddikjara illi l-minuri kellu jiġi rreġistrat bil-kunjom “Alghaze Cilia” minflok “Alghaze” biss. Di fatti dan l-iżball jidher ampjament ċar mill-vera kopja tal-Att ta’ Twelid irreġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku tal-istess minuri hawn anness u mmarkat bħala Dok ‘KAC4’ fil-kolonna taħt l-Intestatura *“Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa”*;

6. Illi kif jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża, il-minuri ġie rreġistrat bil-kunjom "Alghaze Cilia" erronjament, u dan *stante* illi oħt il-minuri Nawal li twieldet sena (1) u seba' (7) xhur wara Khalil ġiet reġistrata biss bil-kunjom "Alghaze" kif jidher ċar mill-vera kopja tal-Att ta' Twelid irreġistrat fl-Uffiċju tar-Reġistru Pubbliku tal-istess minuri hawn anness u mmarkat bħala Dok 'KAC3';

7. Illi kif jidher ċar mill-affidavits tal-esponenti Abd Uarahman Alghaze u Yovancha Cilia hawn annessi u mmarkati bħala Dok 'KAC5' u 'KAC6' m'hemmx dubju illi r-reġistrazzjoni tal-minuri bil-kunjom "Alghaze Cilia" saret erronjament u x-xewqa konġunta tal-esponenti hija li l-minuri jiġi reġistrat bħala "Khalil Aghaze", u dan *stante* illi mit-twelid sal-lum il-ġurnata l-minuri minn dejjem kien imsejjaħ u magħruf bħala "Khalil Alghaze";

8. Illi l-esponenti jiddikjaraw illi jafu b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin *ai termini* tal-Artikolu 253 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

a) Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex iwettaq l-korrezzjoni fl-Att ta' Twelid irreġistrat fl-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku li jġib in-numru elf erbgħa u sittin tas-sena elfejn u disgħa (1064/2009), fis-sens illi fil-kolonna taħt l-Intestatura *"Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa"* l-kunjom "Algħaze Cilia" jiġi kkanċellat u sostwit bil-kunjom "Alghaze" biss.

Dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fiċ-ċirkostanzi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fl-14 ta' Awissu 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi l-esponent ma jsibx oġġezzjoni għall-korrezzjoni ta' kunjom il-minuri Khalil Alghaze Cilia li minn "Alghaze Cilia" jinqara "Alghaze" biss, salv pero' li huwa m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-inkorrezzjoni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti li jġib in-numru ta' reġistrazzjoni 1064/2009, u dan tenut kont tal-fatt li kien ir-rikorrenti stess, Abd Uarahman Alghaze, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

3. Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi permezz tal-verbal tat-12 ta' Novembru 2012 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jagħmlu din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħtu dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għal korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili, kif ukoll *ai termini* tal-Artikolu 92(2) tal-Kodiċi Ċivili. Il-pubblikazzjoni skond tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attrici hija ġustifikata peress li kunjom l-attur fil-fatt għandu jinkiteb kif ġie mitlub fir-rikors odjern, u ċjoe' billi l-kunjom "Alghaze Cilia" jiġi kkanċellat u sostitwit bil-kunjom "Alghaze" biss.  Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak illi ġara u kwindi m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------